

**DIRETTIVA 2009/40/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tas-6 ta' Mejju 2009****dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq****(Tfassil mill-ġdid)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tal-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-testijiet dwar jekk vetturi u l-karrijiet tagħhom humiex tajba għat-triq <sup>(3)</sup> ġiet emendata kemm-il darba b'mod sinjifikattiv <sup>(4)</sup>. Billi għandhom isiru iżjed emendi, din id-Direttiva għandha tiġi mfassla mill-ġdid fl-interess ta' ċarezza.
- (2) Fil-qafas tal-politika tat-trasport komuni, ċertu traffiku tat-triq fi ħdan il-Komunità għandu jopera taħt l-iktar ċirkostanzi favorevoli fir-rigward ta' kemm is-sigurtà kif ukoll il-kondizzjonijiet kompetittivi li japplikaw għal trasportaturi fl-Istati Membri.
- (3) Iż-żieda tat-traffiku tat-triq u ż-żieda riżultanti f'perikolu u effetti negattivi jippreżentaw l-Istati Membri kollha bi problemi ta' sigurtà ta' natura u serjetà simili.
- (4) L-ittestjar tul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-vettura għandu jkun relattivament sempliċi, ta' malajr u mhux għali.
- (5) L-istandards minimi Komunitarji u l-metodi li għandhom jintużaw għall-ittestjar tal-elementi previsti f'din id-Direttiva għandhom għalhekk ikunu definiti f'Direttivi separati.

(6) Hu neċessarju li jkun hemm adattament rapidu għall-progress tekniku tal-istandards u l-metodi stabbiliti fid-Direttivi separati u, sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan l-iskop, li tkun stabbilita proċedura għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq.

(7) Fir-rigward ta' sistemi tal-brejkijiet huwa diffiċli li jiġu stabbiliti valuri għal elementi bħas-settings tal-pressjoni tal-arja u ta' perjodi ta' build-up, minħabba differenzi f'tagħmir u metodi fi ħdan il-Komunità.

(8) Hu rikonoxxut minn dawk kollha kkonċernati bl-ittestjar ta' vetturi li l-metodu ta' ttestjar u, b'mod partikolari, jekk il-vettura hi eżaminata f'kondizzjoni mgħobbija, parzjalment mgħobbija jew mhux mgħobbija, jistgħu jinfluwenzaw il-grad ta' kunfidenza li t-testers għandhom fir-rigward tal-kondizzjoni tas-sistema tal-brejkijiet għat-triq.

(9) Il-preskrizzjoni tal-valuri ta' referenza tal-forza tal-brejkijiet għal kondizzjonijiet varji ta' tagħbija għal kull mudell ta' vettura għandha tgħin biex terġa tinkiseb dik il-kunfidenza. Din id-Direttiva għandha tagħmel possibbli l-ittestjar taħt dan ir-reġim bħala alternattiva għall-ittestjar relattivament għal valuri minimi ta' prestazzjoni għal kull kategorija ta' vettura.

(10) Fir-rigward ta' sistemi ta' brejkijiet l-ambitu ta' din id-Direttiva għandu jirrelata l-aktar mal-vetturi li nġataw l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent taħt id-Direttiva tal-Kunsill 71/320/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-mezzi tal-ibbrejkjar ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(5)</sup> għalkemm hu rikonoxxut li ċerti tipi ta' vettura nġataw din l-approvazzjoni konformemnt ma' standards nazzjonali li jistgħu jkunu differenti mir-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva.

(11) L-Istati Membri jistgħu jestendu l-ambitu tat-test tal-brejkijiet biex jinkludu vetturi jew elementi ta' test barra l-ambitu ta' din id-Direttiva.

(12) L-Istati Membri jistgħu jagħmlu t-test ta' brejkijiet iktar strett jew iżidu l-frekwenza tal-ittestjar.

<sup>(1)</sup> ĠU C 224, 30.8.2008, p. 66.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Settembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2009.

<sup>(3)</sup> ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1.

<sup>(4)</sup> Ara l-Anness III, Parti A.

<sup>(5)</sup> ĠU L 202, 6.9.1971, p. 37.

- (13) Din id-Direttiva hija maħsuba sabiex iżżomm l-emissjonijiet flivell baxx tul il-ħajja utli ta' vettura permezz ta' testijiet regolari tal-emissjonijiet tal-exhaust u tassigura li l-vetturi li jniġġsu ħafna jkunu rtirati mis-servizz sa meta jinġabu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.
- (14) It-tuning impreċiż u l-manutenzjoni inadegwata huma ta' detriment mhux biss għall-magna imma wkoll għall-ambjent ladarba jikkawżaw żieda fit-tniġġiż u fil-konsum tal-karburant. Hu importanti li jiġi żviluppat trasport li jkun favorevoli għall-ambjent.
- (15) Fil-każ ta' magni li jaqbd u bil-kompressjoni (diesel) il-kejl tal-opaċità tad-dħaħen tal-exhaust hu meqjus li jkun indikatur adegwat tal-kondizzjoni tal-istat ta' manutenzjoni tal-vettura, fejn għandhom x'jaqsmu l-emissjonijiet.
- (16) Għall-magni positive-ignition tal-petrol, il-kejl tal-emissjonijiet tal-monossidu tal-carbon mill-pajp tal-exhaust meta l-magna tkun imqabba huwa meqjus bħala indikatur adegwat tal-istat tal-manutenzjoni tal-vettura, fir-rigward ta' emissjonijiet.
- (17) Ir-rata ta' falliment fit-testijiet tal-emissjoni tal-exhaust għall-vetturi li ma ġewx mantenuti b'mod regolari tista' tkun għolja.
- (18) Fil-każ ta' vetturi b'magna tal-petrol li l-istandards tal-approvazzjoni tat-tip tagħhom jispeċifikaw li għandhom ikunu mgħammra b'sistemi avvanzati tal-kontroll tal-emissjonijiet bħal konvertituri katalitiċi three-way li jkunu kkontrollati b'lambd-probe, l-istandards tat-test tal-emissjoni regolari għandhom ikunu iktar stretti mill-vetturi konvenzjonali.
- (19) Id-Direttiva 98/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis tal-arja minn emissjonijiet minn vetturi bil-mutur<sup>(1)</sup> teħtieġ l-introduzzjoni, mis-sena 2000, ta' sistema ta' dijanjosi abbord (OBD) fil-każ tal-karozzi li jaħdmu bil-petrol u l-vetturi kummerċjali ħfief biex jiġi immonitorjat il-funzjonament tas-sistema tal-kontroll tal-emissjoni waqt l-użu tal-vettura. Bl-istess mod, mill-2003 huma meħtieġa sistemi OBD għall-vetturi ġodda diesel.
- (20) L-Istati Membri jistgħu, jekk xieraq, jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva ċerti vetturi li huma kkunsidrati ta' interess storiku. Filwaqt li jistgħu ukoll jistabbilixxu l-istandards ta' ttestjar tagħhom stess għal dawn il-vetturi. Madanakollu, dan id-dritt m'għandux iwassal għall-applikazzjoni ta' standards iktar stretti minn dawk li l-vetturi kkonċernati kienu organiċjament proġettati li jilhq.
- (21) Hemm disponibbli sistemi sempliċi u komuni ta' dijanjosi li jistgħu jintużaw mill-organizzazzjonijiet li jittestjaw biex jiġu testjati l-biċċa l-kbira tal-limitaturi tal-veloċità installati. Fil-każ ta' dawk il-vetturi li ma jintlaħqux b'din l-għodda ta' dijanjosi komunement disponibbli, l-awtoritajiet ikollhom bżonn jew li jagħmlu użu mill-apparat li jkun sar disponibbli mill-manifattur oriġinali tal-vettura jew jipprovd u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikazzjoni adatta tat-test mill-manifattur tal-vettura jew mill-organizzazzjoni konċessjonarja tagħha.
- (22) Il-verifika ta' kull tant żmien tal-funzjonament korrett tal-limitatur tal-veloċità għandha tiġi ffaċilitata fil-każ tal-vetturi li jkunu mgħammra b'apparat ġdid tal-irrekordjar (it-takografu diġitali) taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2135/98 tal-24 ta' Settembru 1998 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3821/85 dwar l-apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u d-Direttiva 88/599/KEE rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85<sup>(2)</sup>. Mis-sena 2003 "l hawn, il-vetturi l-ġodda huma mgħammra b" dak l-apparat.
- (23) Ir-rekwiżiti tekniċi relatati mat-taxis u l-ambulanzi huma simili għal dawk ta' karrozzi privati. L-elementi li għandhom ikunu eżaminati jistgħu għalhekk ikunu simili, għalkemm il-frekwenza tat-testijiet hija differenti.
- (24) Kull Stat Membru għandu jassigura, fiż-żona tiegħu ta' ġurisdizzjoni, li t-testijiet dwar il-kondizzjoni tal-vetturi għat-triq jiġu mmexxija metodikament u jkunu ta' standard għoli.
- (25) Il-Kummissjoni għandha tivverifika l-applikazzjoni pratika ta' din id-Direttiva.
- (26) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar testijiet ta' vetturi għat-triq, il-prevenzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' fuq it-triq u l-garanzija ta' kontrolli u manutenzjoni adegwati ta' vetturi, ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri waħedhom, u għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (27) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni<sup>(3)</sup>.

(1) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 1.

(2) ĠU L 274, 9.10.1998, p. 1.

(3) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(28) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tiddefinixxi ċerti standards u metodi minimi għall-ittestjar kif ukoll sabiex dawn jiġu adattati għall-progress tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha b'elementi ġodda mhux essenzjali, jeħtieġ li dawn jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(29) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi previsti fl-Anness III, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

1. F'kull Stat Membru, il-vetturi bil-mutur reġistrati f'dak l-Istat u l-karrijiet u s-semikarrijiet tagħhom għandhom jiġu suġġetti għal testijiet perjodiċi tal-kondizzjoni għat-triq konformement ma' din id-Direttiva.

2. Il-kategoriji tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati, il-frekwenza tat-testijiet tal-kondizzjoni għat-triq u l-elementi li għandhom jiġu ttestjati huma elenkati fl-Annessi I u II.

#### Artikolu 2

It-testijiet tal-kondizzjoni għat-triq previsti f'din id-Direttiva għandhom jitwettqu mill-Istat Membru, jew minn korp pubbliku inkarigat mill-Istat jew minn korpi jew stabbilimenti indikati u direttament immexxija mill-Istat, inklużi korpi privati awtorizzati kif dovut. B'mod partikolari, fejn stabbilimenti indikati bħala ċentri ta' ttestjar tal-vetturi ukoll iwettqu tiswijiet fuq vetturi bil-mutur, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jassiguraw l-oġġettività u l-kwalità għolja tal-ittestjar tal-vettura.

#### Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri li jqisu neċessarji biex ikun possibbli li tingħata prova li vettura għad-diet minn test tal-kondizzjoni għat-triq li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Dawn il-miżuri għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Kull Stat Membru għandu, fuq l-istess bażi daqslikeku hu stess ħareġ il-prova, jagħraf il-prova maħruġa fi Stat Membru ieħor li turi li vettura bil-mutur reġistrata fit-territorju ta' dak l-

Istat l-ieħor, flimkien mal-karru jew is-semi karru tagħha, għad-diet test tal-kondizzjoni għat-triq li jikkonforma ma' mill-inqas id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw proċeduri xierqa biex jistabbilixxu, sa fejn hu prattikabbli, li l-prestazzjoni tal-brejkijiet tal-vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati f'din id-Direttiva.

## KAPITOLU II

### EĊĊEZZJONIJIET

#### Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom ikollhom id-dritt li jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva vetturi li jappartjenu għall-forzi armati, għall-forzi tal-liġi u tal-ordni u għas-servizz kontra n-nar.

2. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva jew suġġett għal dispożizzjonijiet speċjali, ċerti vetturi operati jew użati f'kondizzjonijiet eċċezzjonali u vetturi li qatt, jew bil-kemm, huma użati fuq toroq maġġuri pubbliċi, inklużi vetturi ta' interess storiku fabbrikati qabel l-1 ta' Jannar 1960 jew li jkunu temporanjament irtirati miċ-ċirkolazzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, jistabilixxu l-istandards tal-ittestjar tagħhom għal vetturi kkunsidrati li huma ta' interess storiku.

#### Artikolu 5

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Annessi I u II, l-Istati Membri jistgħu:

- (a) iġibu 'l quddiem id-data għall-ewwel test obligatorju tal-kondizzjoni għat-triq u, fejn ikun il-każ, jesigū ttestjar tal-vettura qabel ir-reġistrazzjoni;
- (b) iqassru l-intervall bejn żewġ testijiet obligatorji suċċessivi;
- (c) jagħmlu obligatorju l-ittestjar ta' tagħmir mhux obligatorju;
- (d) iżidu n-numru ta' elementi suġġetti għall-ittestjar;
- (e) jestendu r-rekwiżit tat-test perjodiku għal kategoriji oħra ta' vetturi;
- (f) jippreskrivu testijiet speċjali addizzjonali;
- (g) jesigū għal vetturi reġistrati fit-territorju tagħhom standards minimi ogħla għall-effiċjenza tal-brejkijiet minn dawk speċifikati fl-Anness II u jinkludu test fuq vetturi b'tagħbijiet itqal sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jeċċedux dawk tal-approvazzjoni tat-tip oriġinali tal-vettura.

## KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

## Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-Direttivi separati li jkunu neċessarji biex jiġu definiti l-istandards minimi u l-metodi ta' ttestjar tal-elementi previsti fl-Anness II, kif ukoll kull emenda neċessarja biex dawk l-istandards u l-metodi jiġu adattati għall-progress tekniku.

2. Dawk il-miżuri mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 7(2).

## Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna minn Kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku tad-Direttiva dwar dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

## Artikolu 8

Mhux iktar tard minn tliet snin wara l-introduzzjoni ta' ttestjar regolari ta' strumenti għal-limitazzjoni tal-veloċità, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk, fuq il-bażi tal-esperjenza akkwistata, it-testijiet stabbiliti humiex suffiċjenti biex jiskopru strumenti tal-limitazzjoni tal-veloċità li jkunu difettużi jew li jkunu ġew manipolati jew jekk ir-regoli jeħtieġux li jiġu emendati.

## Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert minn din id-Direttiva.

## Artikolu 10

Id-Direttiva 96/96/KE, kif emendata mill-Atti elenkati fl-Anness III, Parti A, hija *imħassra*, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limiti ta' żmien għat-trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi elenkati fl-Anness III, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

## Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Artikolu 12

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strażburgu, 6 ta' Mejju 2009.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KOHOUT

## ANNEX I

**IL-KATEGORIJI TA' VETTURI SUĠĠETTI GĦAL TESTIJET TA' KONDIZZJONI GĦAT-TRIQ U L-FREKWENZA TAT-TESTIJET**

Il-kategoriji tal-vettura	Il-frekwenza tat-testijiet
1. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
2. Vetturi bil-mutur użati għat-trasport tal-merkanzija u li jkollhom massa massima permissibbli li teċċedi 3 500 kg	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
3. Karrijiet u semi-karrijiet b'massa massima permissibbli li teċċedi 3 500 kg	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
4. Taxis, ambulanzi	Sena wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata, imbagħad wara kull sena
5. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, normalment użati għat-trasport bit-triq ta' merkanzija u b'massa massima permissibbli li ma teċċedix 3 500 kg, bl-esklużjoni ta' tratturi u makkinarju agrikolu	Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata imbagħad wara kull sentejn
6. Vetturi bil-mutur li jkollhom mill-inqas erba' roti, użati għat-trasport ta' passiġġieri u b'mhux iktar minn tmien siġġijiet, bl-esklużjoni tas-siġġu tax-xufier	Erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet l-ewwel użata imbagħad wara kull sentejn

## ANNEX II

## ELEMENTI LI GĦANDHOM JIĠU TTESTJATI B'MOD OBBLIGATORJU

It-test għandu jkopri mill-inqas l-elementi previsti hawn taħt, sakemm dawn huma relatati mat-tagħmir obbligatorju tal-vettura li qed tiġi ttestjata fl-Istat Membru kkonċernat.

It-testijiet koperti minn dan l-Anness jistgħu ji ttwettqu viżwalment mingħajr disassemblaġġ tal-partijiet tal-vettura.

Meta jinstab li l-vettura hi difettuża fejn għandhom x'jaqsmu l-elementi tat-test hawn taħt, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadottaw proċedura biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħtom il-vettura tista' tintuża qabel ma tgħaddi test ieħor tal-kondizzjoni tagħha għat-triq.

## VETTURI FIL-KATEGORJI 1, 2, 3, 4, 5 u 6

## 1. Sistemi ta' ibbrekjar

L-elementi li ġejjin għandhom ikunu inklużi fit-test tal-kondizzjoni għat-triq tas-sistemi ta' ibbrekjar tal-vettura. Ir-riżultati ġodda miksuba waqt l-iċċekkjar fuq is-sistemi ta' ibbrekjar għandhom ikunu ekwivalenti sa fejn hu possibbli għar-rewiżiti tekniċi tad-Direttiva 71/320/KEE.

<i>Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati</i>	<i>Raġunijiet għall-falliment</i>
1.1. Il-kondizzjoni mekkanika u l-operazzjoni	
1.1.1. Il-fus tal-pedala tal-brejkijiet tas-saqajn	<ul style="list-style-type: none"> <li>— issikkat wisq</li> <li>— il-bearing użat ħafna</li> <li>— utilizz/użu eċċessiv</li> </ul>
1.1.2. Il-kondizzjoni tal-pedala u t-travel tal-istrument li jopera l-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— travel ta' riserva eċċessiva jew insuffiċjenti</li> <li>— il-kontroll tal-brejkijiet li ma jirillaxxax kif suppost</li> <li>— id-dispożizzjoni kontra ż-żliq nieqsa minn fuq il-pedala tal-brejkijiet, maħlula jew lixxa daqs kemm użata</li> </ul>
1.1.3. Il-pompa tal-vakwu jew il-kumpressur u d-depożitu	<ul style="list-style-type: none"> <li>— il-ħin użat għall-formazzjoni tal-pressjoni tal-arja/il-vakwu għall-operazzjoni effettiva tal-brejkijiet hu eċċessiv</li> <li>— pressjoni tal-arja insuffiċjenti/vakwu biex jassisti għal mill-inqas żewġ applikazzjonijiet tal-brejkijiet wara li l-istrument ta' avviż ikun opera (jew gauge li juri qari mhux ta' min joqgħod fuqu)</li> <li>— leakage tal-arja li jikkawża waqa' notevoli fil-pressjoni jew leakages tal-arja li jinstemgħu</li> </ul>
1.1.4. Indikatur jew gauge ta' avviż ta' pressjoni baxxa	<ul style="list-style-type: none"> <li>— indikatur tal-malfunzjoni jew li jindika pressjoni baxxa/gauge tal-pressjoni tal-arja</li> </ul>
1.1.5. Il-valvola ta' kontroll tal-brejkijiet operata bl-idejn	<ul style="list-style-type: none"> <li>— kontroll imxaqqaq jew imħassar, użu eċċessiv</li> <li>— il-malfunzjoni tal-valvola ta' kontroll</li> <li>— il-kontroll mhux sikur fuq il-fus tal-valvola jew l-unità tal-valvola mhix sikura</li> <li>— konnessjonijiet maħlula jew xaqq fis-sistema</li> <li>— operazzjoni mhux sodisfaċenti</li> </ul>
1.1.6. Il-brejk tal-ipparkjar, il-kontroll tal-lieva, ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar	<ul style="list-style-type: none"> <li>— ir-ratchet tal-brejk tal-ipparkjar li ma jżommx kif suppost</li> <li>— użu eċċessiv fil-fus tal-lieva jew fil-mekkaniżmu tar-ratchet</li> <li>— moviment eċċessiv tal-lieva li tindika aġġustament inkorrett</li> </ul>
1.1.7. Il-valvoli tal-brejkijiet (il-valvoli tas-saqajn, unloaders, gvernaturi, eċċ.)	<ul style="list-style-type: none"> <li>— leakage tal-arja eċċessiva, mħassra</li> <li>— skarika eċċessiva ta' żejt mill-kumpressur</li> <li>— immuntar mhux sikur/inadegwat</li> <li>— skarika tal-fluwidu idrawliku tal-brejkijiet</li> </ul>
1.1.8. Agganċjar għall-brejkijiet tal-karrijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— tappijiet ta' isolament difettużi jew valvola għas-siġill tagħha stess</li> <li>— immuntar mhux sikur/inadegwat</li> <li>— leakages eċċessivi</li> </ul>

<i>Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati</i>	<i>Raġunijiet għall-falliment</i>
1.1.9. Depożitu ta' tank tal-pessjoni għall-irfiġh tal-enerġija	<ul style="list-style-type: none"> <li>— imħassra, imsadda, leaking</li> <li>— l-istrument tad-drenaġġ inoperattiv</li> <li>— immuntar mhux sikur/inadegwat</li> </ul>
1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, il-mastruċilindru (sistemi idrawliċi)	<ul style="list-style-type: none"> <li>— l-unità servo hi difettuża jew mhux effettiva</li> <li>— il-mastruċilindru difettuż jew leaking</li> <li>— il-mastruċilindru mhux sikur</li> <li>— kwantità insuffiċjenti tal-fluwidu tal-brejkijiet</li> <li>— it-tapp tad-depożitu tal-mastruċilindru nieqes</li> <li>— il-bozza ta' avviż tal-fluwidu tal-brejkijiet miżgħula jew difettuża</li> <li>— funzjoni inkorretta tal-istrument ta' avviż tal-livell tal-fluwidu tal-brejkijiet</li> </ul>
1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— riskju ta' falliment jew frattura</li> <li>— leaks minn pajpijiet jew konnessjonijiet għall-igganċjar</li> <li>— imħassra jew imsadda eċċessivament</li> <li>— spustjati</li> </ul>
1.1.12. Hoses flessibbli tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— riskju ta' falliment jew frattura</li> <li>— imħassra, chafing, il-hoses tal-brejkijiet qosra wisq, mgħawġa</li> <li>— leaks minn hoses jew l-agganċjar</li> <li>— hose minfuħ taħt pressjoni</li> <li>— il-porosità</li> </ul>
1.1.13. Koperturi tal-brejkijiet (sponoż bħala nforra)	<ul style="list-style-type: none"> <li>— użu eċċessiv</li> <li>— ikkontaminat (żejt, griż, eċċ.)</li> </ul>
1.1.14. Drums tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet	<ul style="list-style-type: none"> <li>— użu żejjed, brix eċċessiv, xquq, mhux marbutin tajeb jew maqsumin</li> <li>— kontaminati (żejt, griż, eċċ)</li> <li>— plejt ta' wara mhux marbut tajeb</li> </ul>
1.1.15. Kejbels tal-brejk, vireg u fejn jaqbad il-liver	<ul style="list-style-type: none"> <li>— kejbils mħassra, mgħaqqda</li> <li>— mikula eċċessivament jew msadda</li> <li>— ġonta tal-kejbil jew virga mhux marbuta sew</li> <li>— il-gwida tal-kejbil difettuż</li> <li>— kull restrizzjoni għal-libertà taċ-ċaqlieq tas-sistema tal-brejkijiet.</li> </ul>
1.1.16. Actuators tal-brejkijiet (inkluż brejkijiet bil-molla jew ċilindri idrawliċi tar-rotta)	<ul style="list-style-type: none"> <li>— maqsum jew imħassar</li> <li>— iqattar</li> <li>— mhux marbut sew mhux biżżejjed</li> <li>— imsaddad iżżejjed</li> <li>— il-pistin operattiv jew il-mekkaniżmu tad-dijaframma jiċċaqlqu żżejjed</li> </ul>
1.1.17. Valv li jħoss it-tagħbija	<ul style="list-style-type: none"> <li>— fejn jitqabba ikun difettuż</li> <li>— aġġustament skorrett</li> <li>— issijżjat, ma jaħdimx</li> <li>— mhux f'postu</li> </ul>
1.1.18. Slack adjusters awtomatiċi li jindikaw	<ul style="list-style-type: none"> <li>— moviment anormali jew issijżjat, użu żejjed jew aġġustament ħażin</li> <li>— difettuż</li> </ul>

<i>Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati</i>	<i>Raġunijiet għall-falliment</i>
1.1.19. Sistema ritardanti (meta mgħammra jew meħtieġa)	— konnetturi jew mountings mhux siguri — difettuża
1.2. Prestazzjoni u effiċjenza tas-service brejk	
1.2.1. Prestazzjoni (miżjuda progressivament għas-saħħa massima)	— mhux biżżejjed saħħa fuq rota waħda jew iżjed — saħħa minn kull rota hija anqas minn 70 % tal-aktar saħħa rreġistrata minn rota oħra fuq l-istess assi. Fil-każ ta' testjar fit-triq, id-devjazzjoni minn linja dritta ta' vettura hija eċċessiva — l-ebda varjazzjoni gradwali tas-saħħa tal-ibbrekjar (ħtif) — żmien żejjed fl-operazzjoni tal-brejk f'xi rota — varjazzjoni eċċessiva tas-saħħa tal-brejk minħabba diski mgħawġa jew drummijiet ovali
1.2.2. L-effiċjenza	— proprzjon ta' brejkijiet li għandu x'jaqsam mal-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, mas-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus meta prattikabbli, naqqas dawn li ġejjin: l-effiċjenza minima tal-brejkijiet kategorija 1: 50 % <sup>(1)</sup> kategorija 2: 43 % <sup>(2)</sup> kategorija 3: 40 % <sup>(3)</sup> kategorija 4: 50 % kategorija 5: 45 % <sup>(4)</sup> kategorija 6: 50 % — jew sforz ta' brejkijiet inqas mill-valuri ta' referenza jekk speċifikati mill-fabbrikant tal-vettura għall-fus tal-vettura <sup>(5)</sup>
1.3. Il-prestazzjoni sekondarja (ta' emerġenza) tal-brejk u l-effiċjenza (jekk milħuqa minn sistema separata)	
1.3.1. L-atteġġjament	— il-brejk inoperattiv fuq naħa waħda — l-isforz tal-brejk minn kull rota huwa inqas minn 70 % tal-ogħla sforz reġistrat minn rota oħra fuq l-istess fus — ebda varjazzjoni gradwali tal-effiċjenza (ħtif) — is-sistema awtomatika tal-brejkijiet mhix taħdem fil-każ ta' karrijiet
1.3.2. L-Effiċjenza	— għall-kategoriji kollha tal-vetturi, proprzjon ta' brejkijiet inqas minn 50 % <sup>(6)</sup> tal-atteġġjament tas-servizz tal-brejkijiet definit fi 1.2.2. fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata jew, fil-każ ta' semi-karrijiet, is-somma tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus
1.4. L-atteġġjament tal-brejk tal-ipparkjar u l-effiċjenza	
1.4.1. L-atteġġjament	— il-brejk inoperattiv fuq naħa waħda
1.4.2. L-effiċjenza	— għall-kategoriji kollha tal-vettura, proprzjon tal-brejkijiet ta' inqas minn 16 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata, jew, għal vetturi bil-mutur, inqas minn 12 % fejn għandha x'taqsam il-massa massima awtorizzata ta' kombinazzjoni tal-vettura, tkun liema tkun l-ikbar
1.5. Ir-Ritardatur jew l-atteġġjament tas-sistema tal-brejk tal-exhaust	— ebda varjazzjoni gradwali ta' effiċjenza (ritardatur) — difettuż



<i>Elementi li għandhom jiġu eżaminati/ttestjati</i>	<i>Raġunijiet għall-falliment</i>
1.6. Il-brejk anti-lock	— il-malfunzjoni tal-istrument ta' avviż anti-lock — difettuż

- (<sup>1</sup>) 48 % għall-vetturi tal-kategorija 1 li ma jkollhomx ABS, jew approvati skont it-tip qabel l-1 ta' Ottubru 1991 (id-data tal-projbizzjoni tal-ewwel tqegħid f'ċirkolazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE) (Id-Direttiva 71/320/KEE).
- (<sup>2</sup>) 45 % għal vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.
- (<sup>3</sup>) 43 % għal semi-karrijiet u karrijiet bid-draw-bar irreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.
- (<sup>4</sup>) 50 % għall-kategorija 5 tal-vetturi rreġistrati wara l-1988 jew mid-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva 71/320/KEE, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, tkun liema tkun l-iktar tard.
- (<sup>5</sup>) Il-valur ta' referenza għall-fus tal-vettura hu l-isforz tal-brejkijiet (espress fi newtoni) neċessarju biex tiġi akkwistat l-forza minima preskritta tal-brejkijiet bil-piż partikolari li bih il-vettura hi ppreżentata.
- (<sup>6</sup>) Għall-vetturi tal-kategorija 2 u 5 l-atteġġament minimu sekondarju tal-brejkijiet għandu jkun 2,2 m/s<sup>2</sup> (peress li l-atteġġament sekondarju tal-brejkijiet ma kienx kopert mid-Direttiva 71/320/KEE).

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
<b>2. It-tmexxija u l-isteering</b>	<b>2. It-tmexxija</b>
2.1. Il-kondizzjoni mekkanika	2.1. Il-kondizzjoni mekkanika
2.2. L-isteering	2.2. It-tmexxija tal-isteering
2.3. It-tmexxija tal-isteering	2.3. L-attachment tas-sistema ta' tmexxija
2.4. Il-bearings tal-isteering	
<b>3. Il-viżibbiltà</b>	<b>3. Il-viżibbiltà</b>
3.1. L-ispazju tal-viżjoni	3.1. L-ispazju tal-viżjoni
3.2. Il-kondizzjoni tal-ħġieġ	3.2. Il-kondizzjoni tal-ħġieġ
3.3. Il-mirja li juru wara	3.3. Il-mirja li juru wara
3.4. Il-wajpers tal-windscreen	3.4. Il-wajpers tal-windscreen
3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen	3.5. Dawk li jaħslu l-windscreen
<b>4. Fanali, rifletturi u tagħmir elettriku</b>	<b>4. It-tagħmir tad-dawl</b>
4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx	4.1. Fanali ta' dawl ewlieni u dawl baxx
4.1.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni	4.1.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni
4.1.2. L-allinjament	4.1.2. L-allinjament
4.1.3. L-iswiċċijiet	4.1.3. L-iswiċċijiet
4.1.4. L-effiċjenza viżwali	
4.2. Il-fanali tal-ġenb u l-fanali li jimmarkaw il-linja ta' barra	4.2. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni, il-kondizzjoni tal-lenti, il-kulur u l-effiċjenza viżwali ta':

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
<p>4.2.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni</p> <p>4.2.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	<p>4.2.1. L-fanali tal-ġenb u ta' wara</p> <p>4.2.2. Il-fanali tal-waqfien</p> <p>4.2.3. Il-fanali li jindikaw id-direzzjoni</p> <p>4.2.4. Il-fanali ta' riserva</p> <p>4.2.5. Il-fanali taċ-ċpar</p> <p>4.2.6. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara</p> <p>4.2.7. Ir-retrorifletturi</p> <p>4.2.8. Il-fanali hazard ta' avviż</p>
<p>4.3. Il-fanali tal-waqfien</p> <p>4.3.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni</p> <p>4.3.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	
<p>4.4. Il-fanali ta' indikazzjoni tad-direzzjoni</p> <p>4.4.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni</p> <p>4.4.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p> <p>4.4.3. L-iswiċċijiet</p> <p>4.4.4. Il-frekwenza li biha jixegħlu u jitfu</p>	
<p>4.5. Il-fanali taċ-ċpar ta' quddiem u wara</p> <p>4.5.1. Il-pożizzjoni</p> <p>4.5.2. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni</p> <p>4.5.3. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	
<p>4.6. Il-fanali tar-reverse</p> <p>4.6.1. Il-kondizzjoni u l-operazzjoni</p> <p>4.6.2. Il-kulur u l-effiċjenza viżwali</p>	

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
4.7. Il-fanali tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara	
4.8. Ir-rettorifletturi — il-kondizzjoni u l-kulur	
4.9. It-telltales	
4.10. Il-konnessjonijiet elettriċi bejn il-vettura li tiġbed u l-karru jew is-seni-karru	
4.11. Il-wiring elettriku	
<b>5. Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin</b>	<b>5. Il-fusijiet, ir-roti, it-tyres, is-suspenxin</b>
5.1. Il-fusijiet	5.1. Il-fusijiet
5.2. Ir-roti u t-tyres	5.2. Ir-roti u t-tyres
5.3. Is-suspenxin	5.3. Is-suspenxin
<b>6. Ix-chassis u l-attachments tax-chassis</b>	<b>6. Ix-chassis u l-attachments tax-chassis</b>
6.1. Ix-chassis jew il-frejm u l-attachments	6.1. Ix-chassis jew il-frejm u l-attachments
6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali	6.1.1. Il-kondizzjoni ġenerali
6.1.2. Il-pajpijiet tal-exhaust u s-silencers	6.1.2. Il-pajpijiet tal-exhaust u s-silencers
6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet	6.1.3. It-tank tal-karburant jew il-pajpijiet
6.1.4. Il-proprietajiet ġeometriċi u l-kondizzjoni tal-istrument ta' protezzjoni ta' wara, trakkijiet tqal	6.1.4. It-trasportatur tar-rota żejda
6.1.5. It-trasportatur tar-rota żejda	6.1.5. Is-sigurtà tal-mekkaniżmu tal-agġanċjar (jekk imwahaħħal)
6.1.6. Il-mekkaniżmu tal-agġanċjar fuq vetturi li jiġbdu, karrijiet u semi-karrijiet	
6.2. Il-kabina u x-xogħol fuq il-korp	6.2. Ix-xogħol fuq il-korp
6.2.1. Il-kondizzjoni ġenerali	6.2.1. Il-kondizzjoni strutturali
6.2.2. L-immuntar	6.2.2. Il-bibien u s-serraturi
6.2.3. Il-bibien u s-serraturi	
6.2.4. L-art	
6.2.5. Is-siġġu tax-xufier	
6.2.6. Ir-running boards	
<b>7. Tagħmir ieħor</b>	<b>7. Tagħmir ieħor</b>
7.1. Iċ-ċinturini ta' sigurtà	7.1. L-immuntar tas-siġġu tax-xufier
7.2. L-estintur tan-nar	7.2. L-immuntar tal-batterija
7.3. Is-serraturi u strument kontra s-serq	7.3. L-istrument ta' avviż li jinstama'
7.4. It-trianglu ta' avviż	7.4. It-trianglu ta' avviż
7.5. Il-kit tal-ewwel għajnuna	7.5. Iċ-ċinturini ta' sigurtà
7.5.1. Is-sigurtà tal-immuntar	
	7.5.2. Il-kondizzjoni taċ-ċinturini
7.5.3. L-operazzjoni	
7.6. Iċ-chock(s) tar-roti	
7.7. L-istrument ta' avviż li jinstama'	

VEVTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VEVTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
7.8. L-ispidometru	
7.9. It-takografu (il-preżenza ta', u l-integrità tas-siġilli) <ul style="list-style-type: none"> <li>— eżamina il-validità tal-pjanċa tat-takografu jekk meħtieġ mir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 <sup>(1)</sup></li> <li>— eżamina, jekk f'dubju, jekk iċ-ċirkomferenza nominali tad-daqs tar-roti taqbel mad-data mogħtija fuq il-pjanċa tat-takografu</li> <li>— meta prattiku, eżamina li s-siġilli tat-takografu u, meta jkun il-każ, li kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti</li> </ul>	
7.10. L-istrument tal-limitazzjoni tal-veloċità <ul style="list-style-type: none"> <li>— meta possibbli, eżamina jekk il-limitatur tal-veloċità hu mwaħħal kif meħtieġ mid-Direttiva 92/6/KEE <sup>(2)</sup></li> <li>— eżamina l-validità tal-pjanċa tal-limitatur tal-veloċità</li> <li>— meta prattiku, eżamina li s-siġilli tal-limitatur tal-veloċità u, meta jkun il-każ, kull mezz ieħor ta' protezzjoni tal-konnessjonijiet kontra manipulazzjoni frawdolenti huma intatti</li> <li>— iċċekkja fejn prattikabbli li l-mezz li jillimita l-veloċità jipprevjenu l-vetturi msemmija fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/6/KEE milli jaqbu l-valuri stabbiliti.</li> </ul>	
<b>8. Effetti negattivi</b>	<b>8. Effetti negattivi</b>
8.1. Storbju	8.1. Storbju
<p><sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq. (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.)</p> <p><sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità. (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27.)</p>	

VEVTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2, 3, 4, 5 U 6

- 8.2. L-emissjonijiet mill-exhaust
- 8.2.1. Il-vetturi bil-mutur mgħammra b'magni li jaqbd u b'mod pożittiv u jieħdu l-petrol bħala karburant
- (a) meta l-emissjonijiet mill-exhaust ma jkunux ikkontrollati b'sistema avvanzata tal-kontroll tal-emissjonijiet bħala konvertitur katalitiku ta' tliet direzzjonijiet li huwa sonda lambda kkontrollata:
1. Spezzjoni viżwali tas-sistema tal-exhaust sabiex jiġi iċċekkjat li hija f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma għandhiex tnixxijiet.
  2. Spezzjoni viżwali ta' kull tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi iċċekkjat li huwa f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma hemm l-ebda tnixxijiet.
- Wara perjodu raġjonevoli taż-żmien tal-kondizzjonament tal-mutur (filwaqt li jitqiesu r-rakkommandazzjonijiet tal-fabbrikant) jiġi mkejje l-kontenut tal-karbonju monossidu (CO) tal-gassijiet tal-exhaust meta l-mutur ikun jaħdem mingħajr ma jimxi (mingħajr tagħbija).
- Il-kontenut massimu ta' CO permissibbli fil-gassijiet tal-exhaust huwa dak iddikjarat mill-fabbrikant tal-vettura. Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif jew meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawhx bħala valur tar-riferiment, il-kontenut tal-CO ma jridx jaqbeż dan li ġej:
- (i) għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba bejn id-data li minnha l-Istati Membri hteġu lill-vetturi li jikkonformaw mad-Direttiva 70/220/KEE <sup>(1)</sup> u l-1 ta' Ottubru 1986: CO - 4,5 % vol.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ta' miżuri li għandhom jitteħdu kontra t-tniġġis tal-arja b'emissjonijiet minn vetturi b'positive ignition. (ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1.)

- (ii) Għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Ottubru 1986 - 3,5 % vol.
- (b) Meta l-emissjonijiet mill-exhaust ikunu kkontrollati minn sistema avvanzata tal-kontroll tal-emissjonijiet hekk li kovertitur katalitiku ta' tliet direzzjonijiet li jkun sonda lambda kkontrollata:
1. Spezzjoni viżwali tas-sistema tal-exhaust sabiex jiġi ċċekkjat li jkun f'kondizzjoni kompleta u sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.
  2. Spezzjoni viżwali ta' kull tagħmir li jokkontrolla l-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi ċċekkjat li huwa fi stat komplet u sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.
  3. Il-mod kif tiġi stabbilita l-effiċjenza tas-sistema tal-vettura rigward il-kontroll tal-emissjonijiet bil-kejl tal-valur lambda u l-kontenut tal-CO fil-gassijiet tal-exhaust skont il-punt 4 jew il-proċeduri proposti mill-fabbrikanti u approvati fil-waqt tal-approvazzjoni għat-tip. Għal kull wieħed mit-testijiet il-mutur irid ikun ikkondizzjonat skont ir-rakkommandazzjonijiet tal-fabbrikant tal-vettura.
  4. L-emissjonijiet mit-tubu tal-exhaust - il-valuri tal-limiti

Il-kontenut massimu tal-CO permess fil-gassijiet tal-exhaust irid ikun dak iddikjarat mill-fabbrikant tal-vettura.

Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif, il-kontenut tal-CO ma jridx jaqbeż dan li ġej:

- (i) Il-kejl meta l-mutur ikun fl-idle:

Il-kontenut massimu tal-CO permissibbli fil-gassijiet tal-exhaust ma jridx jaqbeż iż-0,5 % vol. u għall-vetturi li jkunu approvati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fir-ringiela A u r-ringiela B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, jew l-emendi iktar tard, il-kontenut massimu tal-CO ma jridx jaqbeż iż-0,3 % vol. Meta l-konformità mad-Direttiva 70/220/KEE, ma tkunx possibbli allura għandu japplika dan ta' hawn fuq għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

- (ii) Fil-kejl fil-veloċità għolja tal-idle (mingħajr tagħbija), il-veloċità tal-mutur għandha tkun ta' mill-inqas  $2\ 000\ \text{min}^{-1}$ :

kontenut CO: massimu ta' 0,3 % vol., u għall-vetturi li jkunu ġew approvati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fir-ringiela A jew ir-ringiela B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4. tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, il-kontenut massimu tal-CO ma jridx jaqbeż iż-0,2 % vol. Meta l-ottempranza mad-Direttiva 70/220/KEE, ma tkunx possibbli allura għandu japplika dan ta' hawn fuq għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2002.

Il-lambda:  $1 \pm 0,03$  jew skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant.

- (iii) Għall-vetturi bil-mutur mġhamra bis-sistemi dijanjostiċi abbord (DAB) skont id-Direttiva 70/220/KEE l-Istati Membri jistgħu bħala alternattiva għat-test speċifikat fl-intestatura (i) jistabbilixxu l-funzjonament korrett tas-sistema tal-emissjonijiet permezz tal-qari approprijat tal-mezz DAB u simultanament jiċċekkjaw il-funzjonament kif jixraq tas-sistema DAB.

#### 8.2.2. Il-vetturi bil-mutur mġhamra b'magni (diesel) li jaqbd u bil-kompresjoni

- (a) L-opaċità tal-gass tal-exhaust li trid tiġi mkejla matul l-aċċelerazzjoni ħielsa (mingħajr tagħbija mill-idle sal-veloċità tal-cut off) bil-gear newtrali u l-clutch magħfus.
- (b) Il-prekondizzjonament tal-vettura:
1. Il-vetturi jistgħu jiġu ttestjati mingħajr prekondizzjonament għalkemm għal raġunijiet ta' sigurtà għandhom isiru kontrolli li l-mutur tkun sħuna u f'kondizzjoni mekkanika sodisfaċenti.
  2. Għajr kif speċifikat fil-punt (d)(5), l-ebda vettura ma għandha tiġi mwaħħla mit-testijiet għajr jekk tkun ġiet ipprekondizzjonata skont ir-rekwiżiti li ġejjin:
    - (i) Il-mutur irid ikun sħun għal kollox, per eżempju t-temperatura taż-żejt tal-mutur mkejjel b'sonda mill-pajp tal-ħadida li timmarka l-livell taż-żejt tkun mill-inqas ta' 80 °C, jew it-temperatura normali tal-blokka mkejla fil-livell tar-radjazzjoni infra red tkun mill-inqas ta' temperatura ekwivalenti. Jekk, minħabba l-konfigurazzjoni tal-mutur, dan il-kejl ma jkunx prattiku, il-mod kif tiġi stabbilita t-temperatura normali tal-ħidma tal-mutur jista' jsir b'mezzi oħra, per eżempju bit-tħaddim tal-fan tat-tkessiħ tal-mutur.
    - (ii) Is-sistema tal-exhaust għandha tiġi mnaddfa b'mill-inqas tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni jew b'metodu ekwivalenti.
- (c) Il-proċedura tat-test:
1. L-ispezzjoni viżwali ta' kull tagħmir tal-kontroll tal-emissjonijiet imwaħħal mill-fabbrikant sabiex jiġi ċċekkjat li huwa komplet u f'kondizzjoni sodisfaċenti u li ma jkunx hemm tnixxijiet.
  2. Il-mutur u kull turbo-charger imwaħħal, li jridu jkunu idle qabel il-bidu ta' kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa. Għall-vetturi tax-xogħol tqil li jaħdmu bid-diesel, dan ifisser stennija ta' mill-inqas 10 sekondi wara r-rilaxx tal-kontroll tal-karburant.

3. Sabiex jinbenda kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa, il-pedala tal-gass trid titniżżel għal kollox, bil-ħeffa u b'mod kontinwu (f'inqas minn sekonda) imma mhux fil-goff, hekk li tinkiseb il-kunsinna massima mill-pompa tal-injezzjoni.
4. Matul kull ċiklu ta' aċċelerazzjoni ħielsa, il-mutur għandu jilħaq il-veloċità tal-cut-off jew, għall-vetturi bit-trasmissjonijiet awtomaċi, il-veloċità speċifikata mill-fabbrikant jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, allura l-veloċità ta' żewġ terzi tal-veloċità tal-cut-off, qabel ma jiġi rrilaxxat il-kontroll tal-karburant. Dan jista' jiġi ċċekkjat, per eżempju, billi tiġi mmonitorjata l-veloċità tal-mutur jew billi jitħalla jgħaddi biżżejjed żmien bejn il-għafis inizjali tal-kontroll tal-karburant u r-rilaxx, li fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji 1 u 2 tal-Anness I, għandu jkun ta' mill-inqas żewġ sekondi.

(d) Il-valuri tal-limitu:

1. Il-livell tal-konċentrament ma jridx jaqbeż il-livell reġistrat fuq il-pjanċa skont id-Direttiva 72/306/KEE <sup>(1)</sup>.
2. Meta ma jkunx disponibbli dan it-tagħrif jew meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawhx bħala riferiment, il-livell tal-konċentrament ma jridx jaqbeż il-livell iddikjarat mill-fabbrikant jew il-valuri tal-limitu ta' koeffiċjent tal-assorbiment li huma kif ġej:

Il-koeffiċjent massimu tal-assorbiment għal:

— il-magni tad-diesel li jieħdu l-arja b'mod normali =  $2,5 \text{ m}^{-1}$

— il-magni tad-diesel turbo-charged =  $3,0 \text{ m}^{-1}$

— għandu japplika limitu ta'  $1,5 \text{ m}^{-1}$  għall-vetturi li ġejjin li jkunu ġew appovati għat-tip skont il-valuri tal-limiti murija fi:

- (a) il-linja B tat-tabella fil-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE — (Vettura tax-Xogħol Ħafif – Euro 4);
- (b) il-linja B1 tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE <sup>(2)</sup> — (Vetturi tad-Diesel tax-Xogħol Tqil – Euro 4);
- (c) il-linja B2 tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva 88/77/KEE — (Vettura tad-Diesel tax-Xogħol Tqil — Euro 5);
- (d) il-linja Ċ tat-tabelli fil-punt 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva 88/77/KEE — (Vettura tax-Xogħol Tqil — EEV);

jew il-valuri tal-limiti fl-emendi iktar tard tad-Direttiva 70/220/KEE jew il-valuri tal-limitu fl-emendi iktar tard tad-Direttiva 88/77/KEE jew il-valuri ekwivalenti meta jintuża tagħmir ta' tip differenti minn dak użat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Meta l-konformità mal-punt 5.3.1.4 tal-Anness I mad-Direttiva 70/220/KEE, jew għat-taqsim 6.2.1 tal-Anness I mad-Direttiva 88/77/KEE, ma tkunx possibbli allura ta' hawn fuq għandu japplika għall-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba wara l-1 ta' Lulju 2008.

3. Il-vetturi rreġistrati jew imdaħħla għax-xogħol għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1980 huma eżentati minn dawn ir-rewżiti.
4. Il-vetturi għandhom jiġu mwaħħla fit-testijiet biss jekk il-medji aritmetiċi ta' mill-inqas tlieta miċ-ċikli tal-aċċelerazzjoni ħielsa jaqbz u l-valur tal-limitu. Dan jista' jiġi kkalkolat billi jiġi injorat kull kejl li ma jaqbilx b'mod sinifikanti mal-medju mqabbel, jew ir-riżultat ta' kull kalkolu statistiku ieħor li jqis it-tifrix tal-kejl. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru taċ-ċikli tat-testijiet.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE tat-2 ta' Awwissu 1972 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrelataw mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu minn magni diesel għall-użu fil-vetturi. (ĠU L 190, 20.8.1972, p. 1.)

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni ta' compression ignition għall-użu f'vetturi, l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni ta' positive ignition alimentati minn gass naturali jew minn gass liqwefatt tal-petroleum għall-użu f'vetturi (ĠU L 36, 9.2.1988, p. 33.)

5. Sabiex jevitaw it-testijiet mhux meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' eċċezzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-punt 8.2.2(d)(4), iwaħħlu fit-testijiet lill-vetturi li jkunu keġlu valuri li jaqbu b'mod sinifikanti l-valuri tal-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni ħielsa jew wara ċ-ċikli tat-tindif tal-intern (jew l-ekwivalenti) speċifikati fil-punt 8.2.2(b)2(ii). B'mod egwali sabiex jevitaw it-testijiet mhux meħtieġa, l-Istati Membri jistgħu, permezz ta' eċċezzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-punt 8.2.2(d)(4) jgħaddu mit-testijiet lill-vetturi li jkunu keġlu l-valuri b'mod sinifikanti taħt il-limiti wara inqas minn tliet ċikli ta' aċċelerazzjoni ħielsa jew tliet ċikli tat-tindif tal-intern (jew l-ekwivalenti) speċifikati fil-punt 8.2.2(b)2(ii).

### 8.2.3. It-tagħmir tat-testijiet

L-emissjonijiet tal-vetturi jiġu ttestjati bl-użu tat-tagħmir iddisinjat sabiex jistabbilixxi b'mod eżatt jekk ġewx imharsal-valuri tal-limiti stabbiliti jew indikati mill-fabbrikant.

8.2.4. Meta, matul approvazzjoni għat-tip tal-KE, tip ta' vettura tinstab li ma tissodisfax il-valuri tal-limiti stabbiliti b'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu valuri tal-limiti oġhla għal dan it-tip ta' vettura fuq il-bażi tal-prova fornita mill-fabbrikant. Iridu jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih u l-Kummissjoni għandha min-naħa tagħha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra.

VETTURI FIL-KATEGORIJI 1, 2 U 3	VETTURI FIL-KATEGORIJI 4, 5 U 6
8.3. Is-soppressjoni tal-interferenza tar-radju	
<b>9. Testijiet supplimentari għal vetturi tat-trasport pubbliku</b>	
9.1. Ħruġ ta' emerġenza (inklużi mrijetel għat-tkissir ta' twieqi), sinjali li jindikaw ħruġ ta' emerġenza	
9.2. Is-sistema tas-šhana	
9.3. Is-sistema ta' ventilazzjoni	
9.4. Id-distribuzzjoni tas-siġġijiet	
9.5. Id-dawl ta' ġewwa	
<b>10. L-identifikazzjoni tal-vettura</b>	<b>10. L-identifikazzjoni tal-vettura</b>
10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni	10.1. Il-pjanċa ta' reġistrazzjoni
10.2. In-numru tax-chassis	10.2. In-numru tax-chassis

## ANNEX III

## PARTI A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha  
(imsemmija fl-Artikolu 10)**

Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE  
(ĠU L 46, 17.2.1997, p. 1)

Direttiva tal-Kummissjoni 1999/52/KE  
(ĠU L 142, 5.6.1999, p. 26)

Direttiva tal-Kummissjoni 2001/9/KE  
(ĠU L 48, 17.2.2001, p. 18)

Direttiva tal-Kummissjoni 2001/11/KE  
(ĠU L 48, 17.2.2001, p. 20)

Direttiva tal-Kummissjoni 2003/27/KE  
(ĠU L 90, 8.4.2003, p. 41)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
(KE) Nru 1882/2003  
(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1)

L-Anness III, punt 68 biss

## PARTI B

**Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali  
(imsemmija fl-Artikolu 10)**

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
96/96/KE	fid-9 ta' Marzu 1998.
1999/52/KE	fit-30 ta' Settembru 2000.
2001/9/KE	fid-9 ta' Marzu 2002.
2001/11/KE	fid-9 ta' Marzu 2003.
2003/27/KE	fl-1 ta' Jannar 2004.



## ANNEX IV

## TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 96/96/KE	Din id-Direttiva
Artikoli 1 – 4	Artikoli 1 – 4
Artikolu 5, sentenza ta' introduzzjoni	Artikolu 5, kliem introdutturju
Artikolu 5, l-ewwel sas-seba' inċiż	Artikolu 5, punti (a) sa (g)
Artikolu 6	—
Artikolu 7	Artikolu 6(1)
—	Artikolu 6(2)
Artikolu 8(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 8(2) l-ewwel subparagrafu	Artikolu 7(2)
Artikolu 8(2) it-tieni subparagrafu	—
Artikolu 8 (3)	—
Artikolu 9(1)	—
Artikolu 9(2)	Artikolu 8
Artikolu 10	—
Artikolu 11(1)	—
Artikolu 11(2)	Artikolu 9
Artikolu 11(3)	—
—	Artikolu 10
Artikolu 12	Artikolu 11
Artikolu 13	Artikolu 12
Annessi I-II	Annessi I-II
Annessi III-IV	—
—	Anness III
—	Anness IV